MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 136/2006

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tal-konvenut a tenur tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 preżentata fit-2 ta’ Novembru 2011;

Rat l-oppożizzjoni tal-attriċi.

Ikkunsidrat,

Illi l-attriċi qed topponi għat-talba biex il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, prinċipalment għaliex skond hi, il-konvenut huwa moruż f’ammont sostanzjali tal-alimenti.

Il-Qorti jidhrilha li f'dan l-istadju peress li hemm kontestazzjoni f'dan ir-rigward u peress ukoll li l-kawża waslet għat-tmiem tagħha ma jkunx għaqli li t-talba tiġi akkolta għaliex hemm possibbilta' li jinħoloq preġudizzju lill-attriċi (Artikolu 55 (4) tal-Kap 16.

**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenut.**

**Spejjeż bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------